# Niltaqgħu mas-Sur Joseph A. Vella
### FRPS, FMPS, EFIAP, ESIAP, E.H. ISF, APSA, HON. FMPS, AIIPC

Minn Victor B. Caruana

VICTOR (V): Illum se niltaqgħu mas-Sur Joseph A. Vella, fotografu Mosti ta' fama internazzjonali. Nixtieqek tagħtina xi tagħrif dwarek.

JOSEPH A. VELLA (J): Jiena twelidt fis-17 ta' Lulju 1927. Missieri kien jismu Ġanni u ommi Giovanna neè Dimech. Għalkemm missieri ilu mejjet 53 sena, ismu għadu sinominu mal-Banda Nicolò Isouard li tagħha kien surmast direttur għal ħafna snin. Il-marċi funebri u innijiet ta' Santa Marija, li kiteb hu, għadhom jindaqqu kull sena. Jiena rċevejt l-edukazzjoni tiegħi fl-iskola primarja tal-Mosta u fil-Liċeo. Għandi ħija jismu Charles li kien ferm attiv fil-Grupp ta' l-I*scouts* tal-Mosta fejn serva bħala *Group Scout Leader* għal bosta snin. Jien għandi oħti Sr. Maria Giovanna, Soru tal-Karità.



*Self-portrait Joseph A. Vella*

V: Illum inti pensjonant bħali, għalkemm għadek attiv ħafna. Fejn kont taħdem?

J: Jien dħalt naħdem mas-Servizzi Ingliżi bħala skrivan fid-Dockyard u ħdimt f'din il-pożizzjoni mill-1944 sa l-1964, meta ħadt promozzjoni u komplejt naħdem mas-Servizzi Ingliżi sa ma dawn ħallew Malta fl-1979. Ftit wara għamilt l-eżami u dħalt skrivan mal-Gvern fid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali sakemm irtirajt fl-1988.

V: Kif bdejt tinteressa ruħek fil-fotografija?

J: Mistoqsija vera interessanti ... Irrid nistqarr li jien ma kontx ninteressa ruħi fil-fotografija. Kienet marti Marija li xegħlet fija din in-namra u kien l-inkorraġġiment tagħha li ġegħelni nibda u nasal sa fejn wasalt f'dan il-qasam. Fl-1963, meta t-tifel tagħna l-kbir kellu sena, Marija xtaqet li jkollna xi ftit ritratti tiegħu.

Jien anqas biss kelli kamera u għidtilha biex immorru għand fotografu, iżda hi kellha ħsieb ieħor. Dik il-ġimgħa kelli għeluq żmieni u meta ġejt lura mill-uffiċċju sibt pakkett b'*birthday card* fuqu. Kien rigal ta' għeluq żmieni mingħand marti. Jien fraħt ħafna meta ftaħtu u kont tassew sorpriż meta sibt kamera tad-ditta Voigtlander u ktieb dwar il-fotografija.

L-ewwel film li ħadt kien kollu fuq it-tifel. Billi ma kelli ebda idea ta' fotografija, ħadna l-film f'laboratorju. Ir-riżultat kien tajjeb, iżda Marija xtaqet li nibdew nipproċessaw il-film aħna. Minn hemm żviluppat il-ħajra biex nimxu 'l quddiem u hekk ġara. Kien pass li wassalni biex ilħaqt l-ogħla livell internazzjonali tal-fotografija.

V: Jien ukoll għandi ħafna għal qalbi l-fotografija. Jien u inti għamilna żmien niltaqgħu fuq tal-linja kull filgħodu, aħna u sejrin ix-xogħol divers tagħna. Jien kont nieħu gost nitkellem miegħek u kont tgħidli dwar diversi suġġetti li inti kont tiġbed. Jien minn dejjem kont nammira ħafna x-xogħol tiegħek u qatt ma tlift waħda mid-diversi wirjiet li inti tellajt. Nixtieqek tgħidilna liema huma l-aktar suġġetti favoriti tiegħek?

J: Fil-karriera fotografika tiegħi ħadt u għadni nieħu interess f'kull qasam ta' din l-arti. Ma hemmx suġġett li ma ħadtux b'serjetà kbira. Iżda ħaġa naturali li kull artist ikollu linja jew linji favoriti li jitwieldu miegħu. Jiena fil-fatt għandi żewġ linji li fihom nimraħ u spikkajt.

L-ewwel u qabel kollox, jien dejjem interessani l-ELEMENT UMAN ... dejjem ħassejt ġibda kbira lejn dan is-suġġett. Wieħed jista' jara li x-xogħol tiegħi f'din il-linja kien u għadu magħruf u apprezzat kemm lokalment kif ukoll f'pajjiżi barranin fejn ix-xogħol tiegħi kien esebit.

Is-suġġett l-ieħor li nħobb huwa l-ARKITETTURA ... dan is-suġġett joffri sfidi kbar speċjalment meta trid tiddokumenta n-naħiet ta' ġewwa, fejn d-dawl naturali jkun baxx ħafna. Jien fl-ebda ċirkostanza ma nuża dawl artifiċjali meta nkun qed nittratta dan is-suġġett, ikunu x'ikunu l-kundizzjonijiet.

V: Inti ħdimt fuq bosta xogħlijiet fotografiċi f'pajjiżi barranin. Liema minn dawn l-impenji tqis bħala l-aktar



*'ANNA' l-ewwel ritratt miġbud minn Joseph Vella li ġie aċċettat f'esibizzjoni internazzjonali, proprju fit-38$^{th}$ Lincoln International Salon, fl-Ingilterra*

importanti fil-karriera tiegħek?
J: Iva, kelli ħafna okkażjonijiet fejn ġejt mitlub niffotografa lokalitajiet ta' ċertu importanza, iżda se nsemmi l-aktar waħda impenjattiva li kelli fil-karriera tiegħi. Fl-1978 il-Gvern Indjan offrili l-opportunità biex niffotografa postijiet fl-Indja, bl-iskop li x-xogħol li nipproduċi jiġi użat għal pubbliċità turistika.
Kien f'Awissu 1978 meta jien u marti, li kienet mistiedna tiġi miegħi sabiex tgħini, wasalna Bombay. Kienu tliet ġimgħat ta' xogħol bla waqfien, u li xejn ma kien faċli. Anzi għal kuntrarju, ċertu postijiet kienu ta' sfida kbira, u xejn ma kien faċli biex tiddokumentahom, ngħidu aħna t-Taj Mahal minn ġewwa u l-affreski li jinsabu f'għerien mudlama. F'postijiet bħal dawn ma jistax jintuża dawl artifiċjali u jkollok tħabbel moħħok mhux ftit biex tikseb ir-riżultat mistenni.
B'sodisfazzjon kbir ix-xogħol li għamilna ġie ferm apprezzat mill-awtoritajiet Indjani, kif ġie espress mill-Ambaxxatur Indjan fil-ftuħ tal-wirja tax-xogħol li ġbidt l-Indja. Din il-wirja ġiet imtellgħa f'Jannar 1979 fil-Mużew Nazzjonali fil-Belt Valletta.

V: Jien kont żort din il-wirja klassika diversi drabi. Tant kien hemm xogħol sabiħ li kien impossibli tapprezzah fi żjara waħda. Xi tgħidilna dwar il-ħafna snin li int kont membru ferm attiv fil-Malta Photographic Society?
J: Dħalt membru f'din is-Soċjetà prestiġġjuża fl-1965 u bqajt ferm attiv sa l-2005. Sena wara li dħalt ġejt elett fil-kumitat, fejn ingħatajt il-kariga ta' Teżorier u servejt f'din il-kariga sa l-1994. Wara ġejt fdat bil-kariga ta' Viċi President għall-tliet snin sħaħ. Jiena tajt kontribut kbir lis-Soċjetà billi kont nagħti *lectures* u dimostrazzjonijiet. Servejt ukoll bħala *judge* f'kompetizzjonijiet organizzati mis-Soċjetà. Inħoss sodisfazzjon kbir meta nara l-progress li sar minn ħafna membri li llum laħqu livell għoli fil-fotgrafija.

V: Int tellajt diversi wirjiet fotografiċi f'pajjiżi oħra. X'tgħidilna dwar dan?
J: Fl-1985 kont mistieden mill-Ministeru tal-Kultura tar-Russja sabiex intella' wirja ġewwa Moscow li kellha ddum ħmistax-il ġurnata, iżda minflok damet sentejn, għax minn Moscow intbagħtet f'diversi repubbliki oħra. Jien kont mistieden għall-ftuħ uffiċjali ta' din il-wirja u għal ġimgħa sħiħa tawni trattament li ma ninsieh qatt. Ġejt intervistat ukoll fuq ir-radju u t-televiżjoni ta' l-Aġenzija TASS.
Fl-1987 kelli wirja kbira fi Blankanese fil-Ġermanja u fl-1998 kont mistieden intella' wirja ġewwa Genk fil-Belġju, u jiena u l-mara konna mistednin inqattgħu ġimgħa f'din il-belt. Fl-2001 in-Near East University ta' Ċipru talbuni ntella' wirja ta' erbgħin ritratt. Din il-wirja damet għaddejja għal erba' ġimgħat u rċeviet tifħir mill-mezzi tax-xandir tal-lokal.
Fil-qasam lokali, nista' ngħid li x-xogħol tiegħi huwa.



*'PURIFIKAZZJONI' ritratt eċċellenti u tassew espressiv, xogħol miġbud fl-Indja*

mifrux ma' Malta kollha, fejn tellajt wirjiet kbar, u ħafna mix-xogħlijiet tiegħi jinsabu f'kollezzjonijiet privati. Ma' dan kollu jispikkaw żewġ wirjiet li kelli fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti fl-1979 u fl-1992. Ta' l-ewwel kienet b'xogħlijiet li ġbidt fl-Indja u l-oħra meta kont il-mistieden tal-Maltafest.



*Joseph Vella jirċievi l-'Photographer of The Year Award' fl-1975*

V: Tista' ssemmilna xi *Awards* u *Distinctions* prestiġjużi li int irbaħt lokalment?
J: Matul is-snin li kont attiv fil-*Malta Photographic Society* kont regolarment nikkompeti f'kull kompetizzjoni organizzata mill-istess Soċjetà fejn irbaħt numru ta' premjijiet. Jien irbaħt il-'*Photographer of the Year*' għal sitt darbiet. Fl-1990 ħadt il-'*Fellowship*'u wara ħadt l-'*Honorary Fellowship*' ta' l-istess Soċjetà. Fl-2005 il-*Malta Institute of Professional Photographers* onorawni bl-'*Award of Recognition*'. Fl-1997 il-Kunsill Lokali tal-Mosta onorani bl-onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta' bħala rikonoxximent għall-kontribut li tajt fil-qasam tal-fotografija kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta.

V: Prosit tassew. Iżda dan mhux kollox. X'tgħidilna dwar *Awards* u *Distinctions* li rbaħt barra minn Malta?
J: Fl-1976 ikkwalifikajt u rċevejt l-'*Associatship*' tar-*Royal Photographic Society of Great Britain* f'żewġ sezzjonijiet (*Pictorial* u *Applied*). Fl-1979 ikkwalifikajt u ħadt il-'*Fellowship*' tal-*Photographic Society of Great Britain*. Fl-1985 l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti ħatritni '*Master of International Photography*'. Fl-1990 *Sibiu Photographic Association* tar-Rumanija ħatritni '*Honorary Fellow*' ta' l-istess Assoċjazzjoni. Fl-1993 il-*Federation International del Art Photographique* tatni l-unur '*Excellence FIAP*' (EFIAP). Fl-1998, minħabba li kelli numru kbir ta' xogħlijiet li ġew esebiti f'wirjiet internazzjonali, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Fotografija tatni d-Diploma E.H.isf.
Vic, issa se mmorru anqas 'l bogħod. Fl-2000 ikkwalifikajt u ġejt mogħti l-'*Associatship*' tal-*Photographic Society of America*. L-*India International Council of Photography* ħatritni '*Associate*' tal-Federazzjoni Indjana fl-2001. Fl-2003 ġejt rikonoxxut bħala '*5 Star International Exhibitor*' mill-*Photographic Society of America*. Fil-qasam internazzjonali jien irbaħt numru kbir ta' midalji tad-deheb, fidda u bronż, kif ukoll diversi premjijiet oħra.

V: Inti ġejt mitlub isservi wkoll bħala *judge* f'diversi esebizzjonijiet fotografiċi.
J: Dawn kienu diversi. Fl-1986 servejt bħala *judge* ġewwa Londra fejn kont wieħed mill-ħames *judges* magħżula biex niġġudikaw il-*Commonwealth International Photographic Competition/Exhibition*. F'din il-kompetizzjoni kien hemm madwar 3000 biċċa xogħol. Servejt bħala *judge* fl-1994 f'Teheran (Iran), fejn kont wieħed mill-ħames *judges* internazzjonali (Tork, Indjan, Franċiż, Belġjan u jien ) magħżula biex niġġudikaw il-*1st Iran International Exhibition/Competition*. Fl-1996 u 1998 servejt bħala wieħed mit-tliet *judges* tal-*1st* u s-*2nd* *International Colour Slides Exhibition*, organizzati mill-*Malta Photographic Society*. Fl-1978 u fl-1985 kont wieħed mill-ġudikaturi tal-*Golden Knight International Amateur Film Festival*.

V: Barra mill-fotografija, jien nafek attiv ħafna fil-*Mosta Scout Group*, kif ukoll bħala bandist iddoqq it-trumbun kemm mal-Banda Nicolò Isouard kif ukoll mal-Banda ta' l-I*scouts*. Għandek xi passatemp ieħor?
J: Iva, jien inħobb ħafna x-xogħol ta' l-injam (*woodwork*). Ix-xogħol kollu ta' l-injam li għandi fuq ġewwa tad-dar inkluż għamara, bibien, eċċ. ħdimthom jien. Iżda l-aktar ħaġa li għandi għal qalbi li ħdimt jien, hija motor boat ta' l-injam li fiha 18-il pied.

V: Nirringrazzjak ħafna ta' din l-intervista tassew interessanti. Prosit lilek u lil martek Marija li kellha sehem mhux ħażin f'dawn is-suċċessi tiegħek matul is-snin.